MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 1487/1998/1

**Patri Gulju Bonnici fil-kwalita' tieghu ta' Prokuratur tal-Kunvent Santu Wistin u tal-Provincja Agostinjana Maltija kif debitament awtorizzata u b'digriet ta' l-20 ta' Ottubru, 2003, Patri Joseph Farrugia OSA assuma l-atti tal-kawza bhala Prokuratur ta' l-istess provincja Agostinjana Maltija minflok Patri Gulju Bonnici**

**vs**

**Paul u Pia konjugi Giordmaina f'isimhom proprio u bhala legittimi rapprezentanti ta' uliedhom minuri Steve u Alan ahwa Giordmaina**

**l-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fid-29 ta' Lulju, 1998 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u erbghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm247.77) oltre l-imghax

legali parti minn cens akbar annwu u perpetwu impost fuq l-art “Tal-Mahsel” kuntrada ta’ San Tumas, Wied il-Ghajn ghas-sena 1993 u cioe’ meta l-proprjeta’ tal-entitajiet tal-Knisja ghaddiet f’idejn il-Joint Office.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Mejju, 1998 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Illi preliminarjament it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija preskritta ghab-bazi ta’ l-Artikolu 2156 (a) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mhuwiex dovut mill-esponenti kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza in parte taghha tat-12 ta’ Marzu, 2001 fejn cahdet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas minghand il-konvenuti tas-somma ta’ mitejn u sebgha u erbghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm247.77) bilanc ta’ cens fuq artijiet “Tal-Mahsel” fil-kuntrada ta’ San Tumas, Wied il-Ghajn ghas-snin 1992 u 1993.

Irrizulta mill-provi illi originarjament l-artijiet inghataw b’cens lis-socjeta’ Western Buildings Estates Limited u wara dan ghaddew ghand Mons Pawlu Pace, illi miet fil-5 ta’ April, 1992 u halla bhala eredi universali lill-konvenuti Paul u Pia Giordmaina u lil uliedhom. (Ara testment sigriet 22 ta’ April, 1988 a fol. 61).

Il-konvenuti mhumiex qeghdin jicdhu illi ghandhom jaghtu xi cens lill-attur, biss peress illi dan huwa spezzat f'diversi artijiet, ma jistghux jaslu ghall-identita' tat-titolari taghhom u ghalhekk naqsu milli jhallsu il-bilanc lill-attur nomine. Fil-fatt a fol. 17, il-konvenut jghid illi huwa eredi tal-Mons. P. Pace u jaf illi hemm cens dovut lill-patrijiet Agostinjani fuq l-art meritu ta' din il-kawza.  Jikkonferma illi wara Jannar, 1995 ma hallsux aktar cens.  Jikkonermaw illi hallsu l-ammont ta' hames mija u tlettax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm513.50), liema ammont jirrikonoxxi illi huwa,"… ferm anqas mill-ammont illi kien tah Mons. Pace is-sena ta' qabel."

Il-konvenut jkompli jghid, "Kont naf li lil Patri Gulju kont ser naghtih anqas…  Tlabt informazzjoni dwar it-titolari tac-cnus li fadal, izda ma gejtx moghti din l-informazzjoni.  Fl-ahhar jirrikonoxxi li, "…l-bilanc jirrifletti l-ammont illi qed jitlob issa fl-Avviz odjern."

Din ix-xhieda hija ammissjoni cara illi l-attur huwa korrett fit-talba tieghu.  Verament, jekk il-konvenut jistax jasal ghall-utilisti ta' dan ic-cens huwa mmaterjali ghad-direttarju, li huwa l-attur nomine li ghandu dritt li jithallas ic-cens fl-ammont intier tieghu.

Fil-kawza riportata fil-volum XXI part 1 pagna 437, insibu li, "Lalienazzjoni di alcune portione di un terreno enfiteutico fatta a persone che sono state riconosciute dall'padrone diretto, non esonera il co-enfituti della obbgatione indivisibile di pagare l intero canone senza una espressa rinunzia per parte del padron diretto."  (Ara wkoll volum XXXIV part 2 pagna 563).

Ghalhekk l-attur nomine bhala l-padrun dirett ghandu d-dritt illi jircievi l-pagament shih minghand il-konvenuti bhala eredi universali tal-Mons Pawlu Pace.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsuh is-somma ta' mitejn u

sebgha u erbghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm247.77) oltre l-imgahx legali parti minn cens akbar anwu u perpetwu mpost fuq art "Tal-Mahsel" kuntrada ta' San Tumas Wied il-Ghajn ghas-sena 1993.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------